MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 399/2005

**Joseph Agius**

**vs**

**Buxom Poultry Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u erba' mija u sebgha u sittin Lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (LM2,467.23,0), jew somma ohra verjuri likwidata minn din il-Qorti rapprezentanti valur ta' konsenja ta' elfejn u tlett mija u tmienja u erbghin (2348) kilo broilers lilhom knsenjati nhar l-1 ta' Ottubru tas-sena 2004 u elfejn u mitejn u sebgha u**

**hamsin 92257) kilo broilers lilhom konsenjati nhar it-18 ta' Frar tas-sena 2005 ghal liema konsenji baqghu ma hallsu ebda pagament nonostante diversi interpellazzjonijiet;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri legali tas-17 ta' Mejju tas-sena 2005 (Dok.A), u l-ittra ufficcjali datata 18 ta' Gunju tas-sena 2005 (Dok. B) bl-imghax legali dekoribbli mit-8 ta' Gunju tas-sena 2005 sad-data tal-pagament effettiv, u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni ohra ta' danni spettanti lill-attur kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-9 ta' Novembru tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------